Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 819/2012

**Midsea Books Limited (appellata)**

**Vs**

**Kunsill Lokali tal-Belt (appellant)**

6 ta' Dicembru, 2016.

1. Il-konvenut appella minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar li cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili) u kkundannatu jhallas lill-attrici s-somma ta' €1,091.89 ghall-bejgh u konsenja ta' kotba.

2. L-aggravju tal-appellant hu relatat principalment mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, fejn isostni li:-

   (i) Simon Cachia ma kellu l-ebda kariga mal-appellant u ghalhekk ma kellux locus standi u dritt ta' rapprezentanza tal-appellant;
   (ii) Ghal dak li jirrigwarda l-ittra li ntbaghatet mill-Kunsill, it-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-prova. Id-deposizzjoni tas-segretarja ezekuttiva kienet cara u ma thallix dubju dwar l-utilita tal-ittra. L-ittra m'hijiex ammissjoni u/jew prova tal-kreditur attrici. Tibqa' semplicement claim u ma jigix kostitwit kreditur dovut.

3. L-appellata wiegbet (17.7.2015) fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

   i. Il-konsenja tidher li saret f'Dicembru, 2007, kif wara kollox iddikjarat l-attrici fl-avviz tat-talba.

   ii. Il-kawza kienet prezentata fis-7 ta' Dicembru, 2012.

   iii. Fl-20 ta' Marzu 2013, is-segretarja ezekuttiva tal-Kunsill baghatet avviz lill-attrici fejn gharrfitha: *"According to our records as at 31 December 2012,* ***the amount due by the Council to the Company was €1,091.89****. If you do not agree with this balance, kindly use the enclosed envelope and send an account history to our auditors…."* (fol. 15). Minn din id-dikjarazzjoni hu evidenti li fl-accounts tal-appellant kien jinghad li hi debitrici tal-appellata ghas-somma li qeghda tintalab

f'dawn il-proceduri. F'dan ir-rigward hu rilevanti wkoll dak li xehed Simon Cachia, li kien ghamel zmien jokkupa l-kariga ta' segretarju ezekuttiv tal-Kunsill, *"... naf li gew konsenjati ghax rajthom. Sakemm domt jiena hemmhekk **sal-2011 ma kinux gew imhallsa**"* (fol. 34). Ma saret l-ebda prova li fl-accounts kien hemm xi rizerva dwar din is-somma. F'kull kaz li kieku kien hemm xi rizerva, probabilment ma kienx jintbaghat l-imsemmi avviz.

iv. Dwar l-avviz datat 20 ta' Marzu, 2013, Gabriella Agius, segretarja ezekuttiva tal-Kunsill, xehedet:

*"Nghid li dan l-exercise isir mill-awdituri fejn jiehdu sampling tad-debituri u jibghatulhom dan it-tip ta' dokument. F'dan il-kaz in partikolari gie specifikament mibghuta dan id-dokument lil Midsea Books Limited peress li kien hemm din il-kawza pendenti. Nghid izda li m'hemmx riferenza ghal din il-kawza f'dan id-dokument. **L-informazzjoni fuq x'hiex tkun inhadmet dan il-parir ikun mghoddi mill-Kunsill Lokali lill-awditur**. Nikkonferma li l-letter head tal-Kunsill Lokali. Nikkonferma wkoll li hemm il-firma tieghi Gabriella Agius bhala executive secretary. Biex inkun preciza, dawn l-ittri jinhadmu mill-awdituri fuq il-letter heads taghna u jinghataw lilna, niffirmawhom u nibghatuhom"*.

Hu ghalhekk evidenti li kien il-Kunsill Lokali li gharraf lill-awdituri li kien debitur tal-appellata. Il-qorti ma tqiesx li hu kredibbli li d-dokument a fol. 15 intbaghat lill-attrici minhabba li kien hemm din il-kawza pendenti, kif qalet ix-xhud. Ma jaghmilx sens li l-Kunsill Lokali jibghat dikjarazzjoni lill-appellata li hu debitur taghha fis-somma ta' €1,091.89, minhabba li kien hemm kawza. Il-logika tghidlek li pjuttost l-avviz ma kienx jintbaghat. Dan apparti li din il-verzjoni hi kontradetta minn dak li qalet ix-xhud stess, cjoe' li dak it-tip ta' avviz isir fl-istadju meta jkun qieghed isir l-audit tal-accounts, u l-awdituri, *"….. **jiehdu sampling tad-debituri** u jibghatulhom dan it-tip ta' dokument"*. Il-probabilta hi li fl-accounts tal-Kunsill id-dejn jissemma. Ovvjament fil-kawza l-Kunsill ha cans li jipprova jahrab mill-obbligu li jhallas id-dejn billi jinvoka l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Eccezzjoni li pero m'hijiex kompatibbli mal-fatt li l-Kunsill Lokali jaghraf li l-appellata hi kreditrici tieghu ghas-somma ta' €1,091.89.

v. Ghal dak li hu l-meritu, Simon Cachia, ikkonferma li l-ordni kienet saret fiz-zmien li kien segretarju ezekuttiv tal-Kunsill, il-konsenja saret u li sal-2011 il-hlas kien ghadu ma sarx. Ma ngiebet l-ebda prova li fil-fatt il-hlas sar f'xi zmien wara. Anzi l-ittra a fol. 15 hi fiha nnifisha prova cara li l-hlas ghadu ma sarx. Ghalhekk l-attrici ppruvat il-pretensjoni taghha.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.